V

(Avviżi)

PROĊEDURI DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA TAL-KOMPETIZZJONI

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Avviż minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Il-Każ M.10315 — BCI/ABP/TIG/Certain assets of Arauco)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2021/C 236/05)

1. Fl-4 ta' Ġunju 2021, il-Kummissjoni rċeviet avviż ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Dan l-avviż jikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— British Columbia Investment Management Corporation ("BCI", il-Kanada);

— Stichting Pensioenfonds ABP ("ABP", in-Netherlands);

— Timberland Investment Group, LLC ("TIG"), ikkontrollata minn Banco BTG Pactual S.A. ("BTG Pactual", il-Brażil);

— BTG Inversiones Pactual Forestales Fondo de Inversión ("Newco", iċ-Ċilì); kif ukoll

— Assi li jinkludu madwar 80 000 ettaru ta' boskijiet fir-reġjuni Ċileni ta' Maule, Araucanía u Los Lagos ("il-Kumpanija fil-Mira", iċ-Ċilì).

BCI, ABP u TIG jakkwistaw, permezz tal-interessi rispettivi tagħhom f'Newco, fis-sens tal-Artikoli 3(1)(b) u 3(4) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll bi sħab tal-Kumpanija fil-Mira kollha kemm hi.

Il-konċentrazzjoni titwettaq permezz tax-xiri ta' assi u l-ħolqien ta' Newco biex takkwista u tisfrutta dawk l-assi.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

— BCI: investitur f'firxa ta' klassijiet ta' assi, inklużi introjtu fiss, ekwitajiet pubbliċi, ekwità privata, infrastruttura, riżorsi rinnovabbli, proprjetà immobbli u ipoteki kummerċjali.

— ABP: fond tal-pensjoni għall-impjegati tal-gvern u tal-edukazzjoni fin-Netherlands.

— TIG: organizzazzjoni ta' ġestjoni tal-investimenti f'artijiet bis-siġar imkabbra għall-injam (timberland).

— Newco: fond ġdid ta' investiment pubbliku Ċilen ikkontrollat bi sħab mill-BCI, APB u TIG, maħluq bil-għan li tinkiseb u tiġi sfruttata l-Kumpanija fil-Mira.

— il-Kumpanija fil-Mira: Il-kumpanija fil-mira tinkludi 80 000 ettaru ta' artijiet bis-siġar imkabbra għall-injam fir-reġjuni Ċileni ta' Maule, Araucanía u Los Lagos.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura ssimplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([2]) jinħtieġ li jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stabbilita fl-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jinħtieġ li r-referenza li ġejja dejjem tiġi speċifikata:

M.10315 — BCI/ABP/TIG/Certain assets of Arauco

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-email, permezz tal-faks jew permezz tal-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Faks +32 22964301

Indirizz postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles / Brussel
BELGIQUE / BELGIË

([2]) ĠU C 366, 14.12.2013, p. 5.